---

16 ta' April, 1.

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Vincent Borg ne. *versus* Marjorie Brockman

**Spejjeż Gudizzjarji**

*Meta kreditu seta' jiġi dedott quddiem il-Qorti Inferjuri, u b'hekk setgħu jiġu evitati l-ispejjeż akbar li jiġu nkorsi quddiem il-Qorti Superjuri, huwa xieraq li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż.*

Il-Qorti; Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-konvenuta ħadet b'kiri minn għand l-attur il-karrozza numru 1400 mit-12 ta' Ġunju 1952 bir-rata ta' 18s. kuljum, bil-patt illi l-konvenuta tissupplixxi l-petrol għall-konsum tagħha; u peress illi l-konvenuta, b'nuqqas ta' għaqal, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, ikkawżat ħsara lill-istess karrozza, li ġiet ritornata lill-attur fit-8 ta' Lulju 1952; u peress illi l-attur ipprovda tliet galluni petrol għall-istess karrozza, li jiswew 9s. 9d.; u peress li akkont ta' dana tħallset is-somma ta' £15. 15s. 0d. biss mill-konvenuta; talab li l-konvenuta (1) tiġi minn dina l-Qorti dikjarata responsabbli tal-ħsara li hija kkawżat lill-karrozza numru 1400, meta kienet lilha mikrija; (2) li tiġi minn dina l-Qorti likwidata l-ħsara minnha hekk kawżata, u li tiġi ppruvata waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (3) li l-konvenuta tiġi kundannata li tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata; (4) li l-konvenuta tiġi minn dina l-Qorti kundannata li tħallas lill-attur is-somma ta'

£24.6.0 għall-kiri ta' l-istess karrozza għall-perijodu mit-12 ta' Ġunju, 1952 sat-8 ta' Lulju, 1952, bir-rata ta' 18s. kuljum, minn liema ammont għandha tonqos is-somma ta' £15.15.0 li l-konvenuta ħallset fit-30 ta' Lulju, 1952, prevja dikjarazzjoni, jekk hemm bżonn, li dan il-pagament għandu jiġi mputat għall-ammont ta' dina t-talba; (5) li l-konvenuta tiġi minn din il-Qorti kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' 9s.9d. għall-provvista ta' tliet galluni petrol magħmula mill-attur lill-konvenuta; prevja, jekk hemm bżonn, għall-fini ta' l-ewwel u t-tieni talba, nomina ta' perit. Bl-interessi legali, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni, wasal għall-konklużjoni: (1) illi l-konvenuta hija responsabbli tal-ħsara fil-karrozza ta' l-attur, konsistenti f'tagħtina fuq in-naħa tax-xellug; (2) illi din il-ħsara hija ta' £2.13.0; (3) illi l-konvenuta għandha tagħti lill-attur £6.15.0, għall-kiri tal-karrozza; (4) u illi t-talba għal 9s.9d. prezz ta' tliet galluni petrol ma tidherx sostenibbli;

*Omissis;*

Illi, dwar l-ispejjeż, għandu jiġi osservat illi l-attur kien jippretendi illi l-ħsara kienet tilħaq £5, u l-bilanċ tal-kiri £8.11.0; dawna l-krediti, b'kawżali differenti, setgħu jiġu mitluba quddiem il-Qrati Inferjuri, u b'hekk setgħu jiġu evitati l-ispejjeż, żgur aktar rilevanti, inkorsi quddiem din il-Qorti; u konsegwentement hu xieraq li, skond il-ġurisprudenza prevalenti (Kollez. XXIII-I-423; XVIII-II-302; XXIX-II-389), il-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi moderat;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet domanda ta' l-attur, u għall-fini tat-tielet domanda tikkundanna lill-konvenuta tħallaslu s-somma ta' £2.13.0;

Tilqa' r-raba' talba limitatament għas-somma ta' £6.15.0;

U tiċħad il-ħames talba;

L-ispejjeż ta' l-ewwel erbgħa talbiet jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta; dawk però tal-ħames talba jibqgħu kollha għall-attur.

---